# Stqarrija

## BirdLife Malta tikkundanna lil Robert Abela talli qed ipinġi l-insib bħala proġett xjentifiku ta' bird ringing

BirdLife Malta tikkundanna bil-qawwa d-deċiżjoni tal-Prim Ministru Malti li jdgħajjef il-liġijiet li jirregolaw il-bird ringing xjentifiku – turija ċara li qed jagħmel dan biex jintogħġob mill-lobby tal-kaċċaturi u tan-nassaba u jpinġi l-insib illegali tal-għasafar bħala proġett xjentifiku ta' bird ringing. Id-deċiżjoni ta' Abela timmina deċenji ta' riċerka ornitoloġika kredibbli u tagħmel ħsara lir-reputazzjoni twila ta' Malta fl-istudji dwar l-għasafar. Din id-deċiżjoni tikser ukoll ftehim li kien dejjem rispettat minn Prim Ministri preċedenti: Karmenu Mifsud Bonnici, Alfred Sant, Eddie Fenech Adami, Lawrence Gonzi u Joseph Muscat, li lkoll fehmu l-importanza li x-xjenza tal-bird ringing tinżamm f'idejn entità ta' konservazzjoni.

"B'din id-deċiżjoni Robert Abela kkonferma kemm il-fehma tiegħu dwar il-konservazzjoni ambjentali hi superfiċjali u kemm hu lest jagħmel kollox biex jogħġob lill-lobby tal-kaċċaturi," qal il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana.

Sultana żied jgħid li l-ministri li tassew jifhmu l-implikazzjonijiet ta' dawn il-bidliet għandhom jitkellmu u ma jibqgħux siekta.

Wara s-sentenza riċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) li sabet lil Malta ħatja li kisret id-Direttiva tal-Għasafar tal-UE billi fetħet deroga fażulla ta' "riċerka xjentifika" biex tippermetti l-insib ta' seba' speċi ta' għasafar tal-għana, il-gvern iddispra. F'tentattiv finali biex jiġġustifika dan l-iskema diskreditata, il-Ministru responsabbli mill-Kaċċa u l-insib Clint Camilleri, bl-appoġġ tal-Ministru għall-Ambjent Miriam Dalli, daħħal emendi fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Slavaġġ li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-istandards tal-bird ringing xjentifiku.

Dawn il-bidliet se jippermettu lin-nassaba biex jiġu faċilment iddikjarati bħala "bird ringers xjentifiċi", tentattiv biex l-insib illegali jidher bħala riċerka leġittima. B'dan il-pass iddisprat il-Gvern Malti mhux biss qed jipprova jqarraq

bil-Kummissjoni Ewropea biex taħseb li din hija xi skema xjentifika imma qed jiftaħ ukoll il-bieb għal aktar abbuż.

BirdLife Malta qalet li Robert Abela ħadem b'mod sistematiku biex idgħajjef il-liġijiet dwar l-għasafar slavaġġ, b'kull emenda li saret iffavoriet l-interessi tal-lobby tal-kaċċaturi u ta' dawk li jridu jieħdu l-għasafar mis-selvaġġ.

Issa, il-gvern għamel pass oltre u qed iħott l-integrità tar-riċerka xjentifika dwar l-għasafar, purament biex jilleġittimizza aktar l-insib. Dan huwa skandlu oxxen.

"Billi jħott l-istandards xjentifiċi tal-bird ringing, il-gvern qed ibiddel għodda ta' konservazzjoni rispettata f'paraventu għall-insib illegali," qal Mark Sultana, Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta. "Din il-manipulazzjoni ċinika tal-liġi mhu se tqarraq b'ħadd fi Brussell, anzi se tkompli tħammeġ ir-reputazzjoni ta' Malta u tagħmel ħsara lill-isforzi ta' riċerka ġenwini."

Dan il-pjan ħażin hu destinat li jfalli. Il-bird ringing huwa kredibbli biss meta jitwettaq fil-qafas tan-netwerk EURING, li hu l-uniku qafas Ewropew rikonoxxut għall-bird ringing. Kull tentattiv li jsir barra minn dan in-netwerk jipproduċi dejta insinjifikanti u jesponi lil Malta għal aktar redikolaġni u sanzjonijiet.

Filwaqt li l-attivitajiet ta'bird ringing ta' BirdLife Malta se jkomplu jsiru bl-ogħla standards xjentifiċi u jikkontribwixxu għar-rapportaġġ tal-UE u r-riċerka għall-konservazzjoni, l-organizzazzjoni tibqa' imħassba ferm li l-emendi tal-gvern se jintużaw minn individwi li jridu jaqbdu għasafar protetti taħt il-paraventu falz tax-xjenza.

Għal darb'oħra, il-gvern għażel li jieħu n-naħa tan-nassaba minflok ma żamm max-xjenza, mal-konservazzjoni u mal-obbligi internazzjonali ta' Malta.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**

1. L-iskema tal-bird ringing ta’ BirdLife Malta twaqqfet fis-6 ta’ Settembru 1965. Ritratt ta’ Antoine Monnier, BirdLife Malta.